MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Appell Civili Numru. 25/2007

**Godwin Vassallo**

**vs**

**Vittoriosa Gaming Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta’ Lulju, 2007 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**“1. Riferenza**

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fid-19 ta' Settembru 2006.

**2. Rapprezentanza**

Godwin Vassallo, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien assistit minn Josef Bugeja, Segretarju tat-Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel tal-*General Workers' Union* u mill-Avukata Marvic DeBarro.

Il-kumpanija *Vittoriosa Gaming Limited* li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata mill-Avukat Michael Psaila.

## 3. Fatti fil-qosor tal-kaz

Nhar id-9 ta' Lulju 2006 sehhet attivita` fil-*Casino di Venezia,* Malta, li wasslet lill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob biex tirrevoka l-licenzja ghall-operat tal-*Casino.* Minhabba f' din id-decizjoni ta' l-imsemmija Awtorita`, nhar is-17 ta' Lulju 2006, il-kumpanija intimata temmet l-impjieg ta' l-impjegati kollha.

Matul iz-zmien li l-attivitajiet tal-*Casino* kienu wieqfa, il-kumpanija intimata ghamlet analizi ta' l-impjegati kollha taghha u waslet ghall-konkluzjoni illi dawk in-nies li kellhom xi konnessjoni ma' dawk l-individwi li wasslu ghall-gheluq tal-*Casino* u r-rizultanti telf ta' introjtu u r-reputazzjoni tajba kellhom jigu allontanati mill-*Casino* billi jigi tterminat l-impjieg taghhom. Dan kien jghodd aktar meta kienet kwistjoni ta' relazzjonijiet ma' wiehed minn dawk illi kienu responsabbli ghat-tharis tas-sigurta` gewwa l-*Casino* meta sehhew dawn l-incidenti. Ghaldaqstant, nhar il-11 ta' Awissu 2006 il-kumpanija intimata gharrfet lir-rikorrent, li kienet qieghda tikkonferma t-temma ta' l-impjieg tieghu.

## 4. Lista tax-xhieda

4.1 David Agius xehed ghall-kumpanija intimata

4.2 Godwin Vassallo, Fernando Orlandi, Philip Bonnici u Angele Bartolo kienu xhieda komuni.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Ir-rikorrent esebixxa

5.1.1 l-istqarrija tal-kaz.
5.1.2 kopja ta' kuntratt ta' l-impjieg mal-kumpanija Vittoriosa Gaming Limited datat 01.01.04, immarkat Dok. GC1
5.1.3 kopja ta' addendum tal-kuntratt immarkat GC2
5.1.4 ittra datata 11.08.06. Dan kien avviz ta' konferma tat-temma ta' impjieg, immarkata Dok. GC3
5.1.5 dokument tal-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig datat 25.08.06, immarkat Dok. GC4
5.1.6 dokument mibghut lill-Awtorita' Nazzjonali tax-Xoghol datat 07.09.06 li kien jikkonsisti f' appell kontra r-raguni tal-kumpanija ghat-temma ta' l-impjieg flimkien ma' korrispondenza ohra, immarkati Dok. MD/GV1
5.1.7 dokument tal-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig datat 22.08.06, immarkat Dok. PB1

5.2 Il-kumpanija intimata esebiet

5.2.1 l-istqarrija tal-kaz
5.2.2 kopja ta' kuntratt ta' l-impjieg mal-kumpanija intimata datat 01.10.04, immarkat Dok. A
5.2.3 kopji ta' e-mails mibghuta minn Angele Bartolo lill-Avukat Michael Psaila datati 12.12.06 li kienu jinkludu kopji ta' theddid anonimu kontriha immarkati ST/AB1 u ST/AB2

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 Angele Bartolo, impjegata bhala *Human Resouces Manager* mal-kumpanija intimata, stqarret li l-impjieg tar-rikorrent kien mitmum nhar

is-17.07.06 flimkien ma' ta' numru ta' impjegati ohra wara li l-Awtorita` dwar il-Loghob u l-Lotteriji rrevokat il-licenzja, tal-*Casino*. Ghalkemm kien ilu biss xi granet fl-impjieg meta kellha ttemm l-impjieg tar-rikorrent, hi kienet taf li hu kien persuna fdata, li jaghmel xoghlu bir-reqqa u li qatt ma ttiehdu passi dixxiplinarji kontrih. Angele Bartolo kkonfermat ii meta beda fl-impjieg mal-kumpanija intimata ma kellha ebda politika dwar impjieg ta' persuni jigu minn xulxin, izda wara li sehh l-incident tad-09.07.06 Fernando Orlandi kien ordnalha biex ma timpjegax aktar persuni li jkollhom relazzjoni famiijari ma' xi impjegati fil-kumpanija

6.2 Godwin Vassallo, ir-rikorrent stqarr li wara li kien ilu fl-impjieg mal-kumpanija intimata mit-23.07.01, nhar l-01.11.04, permezz ta’ addendum mal-kuntratt originali, inghata responsabbiltajiet addizzjonali u zieda fil-paga. Hu qeda dmirijietu b'mod effikaci u shih u qatt ma kien imwiddeb dwar xi nuqqasijiet fil-qadi ta' dmirijietu. Ir-responsabbiltajiet tieghu kienu jinkludu x-xiri ta' prodotti li jintuzaw mill-impjegati li jnaddfu. Minhabba li l-kumpanija intimata ma kinitx tgawdi kreditu mal-bejjiegha tal-prodotti li kien jixtri, kien ikollu jikseb flus kontanti minghand il-kaxxiera Joanna Dick, u wara jaghmel il-kontijiet billi jipprezenta ircevuti ghax-xiri kollu li jkun ghamel. Dan il-process kien ilu sejjer zmien twil u kien approvat minn kapijiet successivi, inkluz dak ta' l-ahhar Simon Pavan. Nhar id-09.07.06 fil-hin li sehh l-incident li wassal ghar-revoka tal-licenzja, ma kienx xoghol. Godwin Vassallo kkonferma li bintu kellha relazzjoni intima ma' Edouardo Babato li kien impjegat mal-*Casino* fil-kariga ta' Kap tad-Dipartiment tas-Sigurta' u kien ser ikollhom tarbija barra z-zwieg. Nhar is-17.07.06 ircieva ittra fejn kien mgharraf li l-impjieg tieghu kien qieghed jintemm minhabba r-revoka tal-licenzja tal-*Casino*. Nhar il-11.08.06 ircieva ittra ohra fejn kien konfermat li l-impjieg tieghu kien

qieghed jigi mitmum definittivament ghal ragunijiet validi skond il-ligi.

6.3 Philip Bonnici, impjegat fil-kariga ta' ufficjal mal-Korporazzjoni ta' l-Impjiegi u Tahrig, stqarr li l-Korporazzjoni rceviet il-formula statutorja tat-temma ta' l-impjieg tar-rikorrent minghand il-kumpanija intimata, u li kienet tghid li tkecca mill-impjieg. Philip Bonnici zied jghid li l-Korporazzjoni tistrieh fuq dak li s-sid jikteb fil-formola. Wara, l-Korporazzjoni tgharraf lill-partijiet li kienet waslet il-formola tat-temma ta' l-impjieg. Jekk u meta l-impjegat jattendi biex jirregistra ghax-xoghol il-Korporazzjoni tgharrfu bir-raguni moghtija mis-sid ghat-temma ta' l-impjieg u tirreferih lill-Awtorita' Nazzjonali dwar l-lmpjiegi jekk jikkontesta r-raguni ghat-temma ta' l-impjieg. F'dan il-kaz ir-rikorrent appella kontra r-raguni li tat il-kumpanija intimata, u l-Awtorita' laqghat l-appell tieghu.

6.4 Fernando Orlandi stqarr li hu kellu 60% ta' l-ishma tal-kumpanija *Vittorisa Gaming Limited* u b'kawza ta' incident li sehh fil-*Casino di Venezia,* Malta, nhar id-09.07.06, l-Awtorita` dwar il-Loghob u l-Lotteriji rrevokat il-licenzja tal-*Casino* ghal xi zmien, sakemm tkun sodisfatta li jkunu saru l-bidliet li dehrilha mehtiega biex terga' tinghata l-licenzja. Minhabba n-natura tax-xoghol ta' *Casino* l-impjegati kollha jehtieg li jgawdu l-fiducja tas-sid. Meta fl-24.12.05 beda jaghmel parti mill-kumpanija *Vittoriosa Gaming Limited* sab sitwazzjoni nieqsa ghall-ahhar minn professjonalizmu fil-qasam tas-sigurta`. Dan ghaliex il-Maltin kienu jahbu l-izbalji tal-Venezjani u vici versa. Kien hemm serq ta' prodotti u r-rikorrent kien jaghmel xoghol ta' xiri ta' prodotti li hu kien jikkonsidrah bhala xoghol konflingenti max-xoghol ewlieni tar-rikorrent. Irrizultalu li Godwin Vassallo kien missier it-tfajla tal-Kap tas-Sigurta` Edwardo Babato, u li minnha kien ser ikollu tarbija barra z-zwieg. Hu ha l-okkazjoni tar-revoka tal-licenzja, biex jirranga s-setturi kollha

inkluz dak tas-sigurta` u ghal dan il-mottiv iddecieda li ma jergax joffri l-impjieg lura lir-rikorrent.

## 7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Michael Psaila f’isem il-kumpanija intimata stqarr li

- ir-rikorrent beda jahdem mal-kumpanija intimata nhar it-23.07.01 fil-kariga ta' *Security Officer* fuq kuntratt ghal zmien indefinit. Nhar l-01.11.04, permezz ta' addendum mal-kuntratt originali, inghata responsabbiltajiet addizzjonali u zieda fil-paga
- ir-rikorrent dejjem qeda dmiru tajjeb qabel ma nqalghet i!-kwistjoni li tat lok ghat-temma ta' l-impjieg.
- it-tifla tar-rikorrent bdiet relazzjoni intima ma' Edoardo Babato, li kien il-Kap tad-Dipartiment tas-Sigurta' tal-*Casino*, relazzjoni li wasslet ghat-twelid ta' tarbija barra z-zwieg.
- din ir-relazzjoni intima ma kinitx problematika ghall-kumpanija. Il-problema rrizultat meta minhabba allegat nuqqas ta' responsabbilta' min-naha ta' Edoardo Babato, il-*Casino* tilef il-licenzja.
- waqt li l-*Casino* kien maghluq il-kumpanija intimata ghamlet analizi ta' l-impjegati kollha taghha u waslet ghall-konkluzjoni li dawk in-nies li kellhom xi konnessjoni ma' dawk l-individwi li wasslu ghall-gheluq tal-*Casino* u r-rizultanti telf ta' introjtu u reputazzjoni kellhom jigu allontanati mill-*Casino* billi jintemm l-impjieg taghhom.
- minhabba n-natura ta' l-attivita` ta' *Casino* kull impjegat fil-*Casino* jehtieg il-fiducja assoluta tad-dirigenti. Gara li mill-ezercizzju ii sar id-dirigenti dehrilhom li r-rikorrent ma kompliex igawdi l-fiducja li kien igawdi qabel ma sehh l-incident imsemmi

- il-kumpanija intimata taghraf u tapprezza d-dispozizzjoni ta' l-artiklu 34 (14) (b) tal-Kapitlu 452 tal-ligijiet ta' Malta u tissommetti li t-telf ta' fiducja f' impjegat li jokkupa kariga tant krucjali ghall-azjenda kollha ghandu jitqies bhala eccezzjoni valida ghall-principju generali hemm enunzjat.
- Inoltre u dan ma non concesso ghad-decizjoni tal-kumpanija li ttemm l-impjieg tar-rikorrent, hu sab xoghol iehor bl-istess introjtu

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukata Marvic Debarro f'isem ir-rikorrent stqarret li

- ir-rikorrent kien beda l-impjieg tieghu mal-kumpanija intimata nhar it-23.07.01 fil-kariga ta' *Security Officer.* Nhar l-01.11.04, permezz ta' addendum mal-kuntratt originali, inghata responsabbiltajiet addizzjonali u zieda fil-paga
- nhar id-09.07.06 sehhet attivita` fil-*Casino di Venezia,* Malta, li wasslet lill-Awtorita' dwar il-Lotteriji u l-Loghob biex tirrevoka l-licenzja ghall-operat tal-*Casino*.
- dak il-hin li sehhet l-imsemmija attivita` fil-*Casino* nhar id-09.07.06 li wasslet ghar-revoka tal-licenzja, ir-rikorrent ma kienx ghax-xoghol
- ir-rikorrent kien persuna rispettata, fdata u qatt ma kienet imwiddba dwar xi nuqqasijiet fil-qadi ta' dmirijietu
- kif jirrizulta mix-xhieda ta' Angele Bartolo l-impjieg tar-rikorrent intemm minhabba r-relazzjoni intima li kien hemm bejn bintu u Edoardo Babato li kien il-Kap tad-Dipartiment tas-Sigurta` tal-*Casino*
- il-kumpanija intimata, la qabel u lanqas wara li sehh l-avveniment tad-09.07.06 li wassal ghar-revoka tal-licenzja, ma kellha ebda policy dwar l-impjieg ta' persuni godda li ghandhom relazzjoni ma' impjegati taghha. Tant hu hekk li kif jirrizulta mix-xhieda mhux

kontradetta ta' Aloysia Rahim Debono, wara li kienet restitwita l-licenzja hi kienet offruta impjieg mill-gdid minkejja li l-*partner* taghha kien jahdem mal-kumpanija itimata.

- ir-raguni ghat-temma ta' l-impjieg tar-rikorrent ma ghandha ebda rabta mal-fatti li rrizultaw
- ix-xoghol kollu li kien jaghmel ir-rikorrent kien jirrizulta minn awtorizzazzjoni tal-kapijiet diversi tieghu. L-istess jghodd ghax-xiri ta' prodotti ghall-impjegati li kienu jokkupaw karigi fit-taqsima tat-tindif
- ir-rikorrent kien appella kontra r-raguni moghtija mill-kumpanija ghat-temma ta' l-impjieg u l-Awtorita` Nazzjonali dwar l-Impjiegi laqghet it-talba tieghu
- hemm diversi awturi u decizjonijiet li jimmitigaw favur ir-rikorenti
- fid-dawl ta' dan kollu r-rikorrent tkecca ingustament u ghandu jinghata kumpens xieraq

## 8. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

Meta nhar l-01.11.04 wara tliet snin u erba' xhur li kien ilu fl-impjieg, il-kumpanija intimata ghabbiet lir-rikorrent b'responsabbiltajiet addizzjonali, ghamlet hekk ghaliex kellha fiducja fl-abbiltajiet tar-rikorrent u ghaliex zdiedet il-fiducja fih.

Ix-xoghol ta' xiri ta' prodotti wzati ghat-tindif li kien jaghmel ir-rikorrent kien jaghmlu bil-permess tal-Kap tieghu u l-flus li kien jinghata ghal dan l-iskop kienu jinghataw in segwitu ta' procedura stabbilita' mill-kumpanija intimata. Jekk meta fl-24.12.05 Fernando Orlandi fehem li din l-attivita', jew xi attivita` ohra li kien jaghmel ir-rikorrent kienet konflingenti max-xoghol ewlieni tieghu, seta' jiehu l-passi biex dak li hu konflingenti jitwaqqaf. Ma kellux ghalfejn jistenna aktar minn sitt xhur biex jaghmel hekk.

It-tieni raguni li ngiebet mill-kumpanija intimata ghat-temma ta' l-impjieg tar-rikorrent kienet li fil-waqt li kien hemm relazzjoni intima bejn bint ir-rikorrent u l-Kap tad-Dipartiment tas-Sigurta` tal-kumpanija intimata, Edoardo Babato, dan ta' l-ahhar inzamm responsabbli ghall-irtirar tal-licenzja tal-*Casino*.

Jirrizulta mill-provi li l-kumpanija intimata ma kellha ebda politika biex tirregola l-impjieg gdid ta' persuni li jkunu jigu minn xulxin, u wkoll biex tirregola intimita' li tirrizulta bejn impjegati jew ma' terzi waqt l-impjieg. Jirrizulta wkoll mill-provi li l-kumpanija intimata kienet taf bir-relazzjoni intima ta' Edoardo Babato ma' bint ir-rikorrent u ma ghamlet ebda oggezzjoni. Kien biss meta Edoardo Babato tilef il-licenzja li l-kumpanija intimata agixxiet kontra r-rikorrent.

Il-provvediment ta’ l-artiklu 34 (14) (b) mhux applikabbli ghal dan il-kaz.

9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali

9.1 wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jiddeciedi li t-temma ta’ l-impjieg tar-rikorrent ghar-ragunijiet moghtija ma saritx ghal raguni gusta u bizzejjed.

9.2 jordna lill-kumpanijia intiamta thallas lir-rikorrent is-somma ta’ ghaxart elef, mija u tmien Liri Maltin (Lm10,108) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir f’ sitt pagamenti ndaqs u konsekuttivi kull xahar, bl-ewwel pagament isir nhar il-31 ta’ Awissu 2007.

Ghall-fini ta’ taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta Erbghin Liri Maltin (Lm40).**”**

Is-socjeta` intimata appellat minn din is-sentenza tat-Tribunal Industrijali b’ dawn iz-zewg aggravji:-

(1) It-terminazzjoni ta’ l-impjieg kellha tigi kkonfermata minhabba telf ta’ fiducja fl-appellat mid-dirigenza tal-kumpanija;

(2) It-Tribunal naqas milli jipprovdi indikazzjonijiet tal-fatturi li wassluh ghall-ammont ta’ kumpens minnu likwidat;

Qabel investigazzjoni ta’ l-ewwel motiv ta’ aggravju huwa opportun, qabel xejn, li jigu inkwadrati dawn l-aspetti ta’ difiza perkorsi mis-socjeta` appellanti fil-kors tal-proceduri quddiem it-Tribunal. Jidher mid-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha illi r-raguni tal-licenzjament ta’ l-appellat, kif minnha dedotta, kienet dik li l-appellat, impjegat taghha, naqas milli jwettaq id-doveri tieghu skond il-kariga li kellu. Huwa, imbaghad, distingwibbli illi fil-kors tat-trattazzjoni tal-kaz u l-aktar tad-dibattitu orali quddiem it-Tribunal, il-vertenza spustat ruhha fuq it-terren tan-nuqqas tar-rapport fiducjarju. In effetti, jidher, b’ mod lampanti, mill-kontenut tar-rikors ta’ l-appell illi s-socjeta` appellanti tirrikwalifika, b’ certa enfasi, id-decizjoni taghha tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ l-appellat ghal dik ta’ l-ispecificita kollegata mal-mankanza ta’ fiducja;

B’ mod generali jrid jinghad illi dover primarju ta’ kull impjegat hu dak li jezegwixxi l-mansjonijiet tieghu b’ diligenza. Tali dover b’ din id-diligenza jirrientra f’ dak tal-principju generali stabbilit fl-Artikolu 1132 (1) Kodici Civili ghall-ezekuzzjoni ta’ kull obbligazzjoni. Naturalment, dejjem, b’ dak l-adattament necessarju dettat minn natura tal-kuntratt singolari. Hekk, allura, trattasi minn kuntratt ta’ impjieg, l-interess ta’ min ihaddem jimponi li l-prestazzjonijiet ta’ l-impjegati tieghu jkunu korrelati ma’ dawk ta’ l-esigenzi organizzattivi partikulari tal-kumpanija li fih ir-rapport tax-xoghol jinserixxi ruhu. Hu proprju dan l-istess interess li jservi biex jippuntwalizza l-parametri tad-diligenza aspettata mill-impjegat;

Ezaminati taht dan il-profil, l-atti jistabilixxu illi ma ngiebet ebda raguni serja li tintegra l-estremi ta' nuqqas ta' diligenza jew, del resto, ta' xi inadempiment fl-appellat tad-doveri u ta' l-obbligi kontrattwali tieghu li jistghu jitqiesu kawza gusta ta' tkeccija. Pjuttost, il-kuntrarju hu l-kaz, tant li hu sahansitra ammess mill-Human Resources Manager tas-socjeta` appellanti illi l-appellat dejjem ghamel xoghlu bir-reqqa u, jista' jinghad, ghas-sodisfazzjon ta' l-interessi tal-kumpanija. La ma ngiebx bi prova ebda fatt ommissiv addebitat lill-appellat, huwa logiku illi ma setghetx tirrizulta l-allegata vjolazzjoni tad-doveri tieghu u, wisq anqas allura, l-arrekar ta' xi pregudizzju lill-interessi tal-kumpanija;

Premess li ma kienet ravvizata ebda kawza gusta ta' licenzjament fuq dik il-bazi, il-Qorti jehtiegilha issa tezamina jekk il-kumpanija appellanti kienetx gustifikata illi tkecci lill-appellat minhabba assenza minnha ta' fiducja fih;

Jibda biex jigi rilevat illi hi norma espressa tal-ligi, ex-Artikolu 36 (14) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) illi, hlief fil-kaz ta' impjegat domestiku privat, li ma huwiex il-kaz hawnhekk, principal ma jistax jadduci bhala "raguni tajba u sufficjenti" illi "l-impjegat ma jgawdix izjed il-fiducja tal-principal". Dan ipprecizat, minn naha l-ohra wiehed lanqas ma jista' jiddiskonoxxi illi jezistu certi rapporti tax-xoghol fejn l-element fiducjarju jassumi l-massimu riljev u, allura, tali jrid jigi konsiderat b' rigur partikulari fil-konfront ta' min, impjegat, jirrivesti mansjonijiet ta' certa responsabilita` ko-involgenti tisrif jew loghob ta' flus. Tali, ad ezempju, hu l-kaz ta' impjegati bankarji jew, bhal f' dan il-kaz, ta' impjegati ta' Casinos;

Affermat dan, ragonevolment il-valutazzjoni ta' assenza ta' fiducja ma tistax issir b' riferiment ghall-fatt jew fatti

astratti izda ghall-incident konkret u gravi. Dan qed jinghad ghaliex, bir-rispett kollu, din il-Qorti ma tarax is-serjeta fis-sottomissjoni illi t-telf ta' fiducja ghandu jitqieghed f' rapport mal-hajja privata u r-relazzjoni ta' bint l-appellat ma' Edoardo Barbato ex-Security Manager tal-Casino di Venezia li, minhabba l-kondotta tieghu giet temporanjament revokata l-licenzja operattiva ta' l-istess Casino. Il-valutazzjoni ta' dik il-kondotta ta' l-imsemmija persuna ma kellhiex, fil-hsieb konsiderat ta' din il-Qorti, thalli l-incidenza taghha fuq ir-rapport fiducjarju ko-involgenti l-appellat u l-kumpanija jew li ggib, b' konsegwenza, illi l-appellat kellu jitqies inidoneju ghall-prosegwiment tar-rapport tax-xoghol;

Jinsab a propozitu ritenut mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (24 ta' Gunju 2000, Numru 8631)** "*per stabilire in concreto l' esistenza di una giusta causa di licenziamento, che deve rivestire il carattere di grave negazione degli elementi essenziali del rapporto di lavoro ed in particolare di quello fiduciario, occorre valutare da un lato la gravita` dei fatti addebitati al lavoratore, in relazione alla portata oggettiva e soggettiva dei medesimi, alle circostanze nelle quali sono stati commessi ed all' intensita` dell' elemento intenzionale, dall' altro la proporzionalita` fra tali fatti e la sanzione inflitta, stabilendo se la lesione dell' elemento fiduciario su cui si basa la collaborazione del prestatore di lavoro sia in concreto tale da giustificare o meno la massima sanzione disciplinare, definitivamente espulsiva.*";

In tema ghal din is-sentenza jkollu jinghad fil-kaz partikulari hawn ezaminat illi ebda fatt incidenti fuq il-grad ta' affidabilita`, jew xi motiv iehor gravi ma gie addebitat mill-kumpanija appellanti lill-appellat personalment. L-ebda rabta ta' xi kondotta negattiva tieghu ma' l-incident li wassal ghas-sospensjoni temporanja tal-licenzja. Fil-verita`, l-ebda infrazzjoni specifika fl-appellat tad-doveri tieghu li setghet tat lok ghall-event dannuz b' xi htija tieghu. F' dawn ic-cirkostanzi jkollu jinghad illi s-socjeta` appellanti ma skarikatx minn fuqha l-oneru li tipprova illi

dak l-event tas-sospensjoni tal-licenzji hu rikonducibbli ghal xi imgieba kolpuza ta’ l-appellat. Anzi kollox juri li l-appellat kien persuna fdata hafna tant li fil-kors ta’ l-impjieg il-kumpanija ghabbietu b’ responsabilitajiet addizzjonali. F’ dan il-kuntest is-sentenza appellata hi sew sorretta minn motivazzjoni adegwata u tali qed titqies minn din il-Qorti bhala incensurabbli, jekk mhux ukoll insindakabbli, trattasi minn apprezzament ta’ fatt li strettament ma jaghtix lok ghall-appell. Ara Artikolu 82 (3) ta’ l-Att. L-ewwel aggravju qieghed ghal dawn il-konsiderazzjonijiet kollha jitqies insostenibbli;

Fil-kaz tat-tieni motiv ta’ aggravju irid jinghad illi hi l-prattika kostanti illi Qorti fi grad ta’ appell ma tiddisturbax id-deskrezzjoni ta’ l-ewwel tribunal dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens, sakemm dan ma jirrizultalhiex li hu manifestament zbaljat, jew ghal xi raguni ohra gravi. Ara fost ohrajn, “**Joan Zammit -vs- S. Borg & Sons Ltd**”, Appell, 19 ta’ Ottubru, 2005. Huwa veru li, a prima vista, il-kumpens likwidat f’ dan il-kaz jista’ talvolta jidher esagerat imma dan m’ ghandux ifisser illi t-Tribunal injora l-indikaturi prefissi mil-ligi fl-Artikolu 81 (2) (a) tal-Kapitolu 452. Biex jinghad kollox, dawk l-indikaturi ma humiex ezawrjenti u din il-Qorti ghandha ragonevolment tassumi illi t-Tribunal ha in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Mhux l-anqas, il-konkorrenza ta’ dik il-gravozita magguri, anke morali, konsegwita minn impjegat ingustament sfiducjat minn min ihaddmu. Anke allura dan it-tieni aggravju qed jitqies infondat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal Industrijali, bl-ispejjez jitbatew mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------